MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2003

Numru 7/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Kontra**

**Laurence Gatt**
**omissis**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza numru 7/2002 presentat mill-Avukat Generali fil-21 ta' Mejju, 2002;

Rat l-eccezzjoni preliminari sollevata minn Laurence Gatt, permezz tan-nota tieghu tat-18 ta' Gunju, 2002, li tghid hekk:

**Jeccepixxi illi t-tielet kap tal-Att ta' Akkuza hija nulla [<u>recte</u>: huwa null] u dan tenut kont id-deskrizzjoni tal-fatti indikati fit-tieni kap fl-istess Att ta' akkuza. Di fatti mit-tieni Kap jirrizulta li skond l-Avukat Generali l-pakkett gie ntercettat mill-pulizija meta l-istess kien fil-pussess ta' Antonio Gatt u skond l-Avukat Generali stess il-pakkett, ghalkemm kellu jigi fil-pussess tal-akkuzat, fil-fatt dan qatt ma sehh. Konsegwentement billi l-element materjali ta' dan ir-reat, li jikkonsisti fil-pussess tad-droga, u l-fatt li d-droga qatt ma kienet fil-pussess tal-akkuzat dan iwassal iresorabilment [<u>recte</u>: inezorabbilment] ghan-nullita` ta' dan il-Kap, billi d-deskrizzjoni tal-fatti ma jaghtux lok u ma jistghux jaghtu lok ghal dan ir-reat. L-Avukat Generali ma setghax jakkuza lill-akkuzat bit-twettiq ta' dan ir-reat permezz tat-tielet kap meta dina l-ipotesi hija eskluza mit-tieni kap tal-istess Att ta' akkuza;**

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Dicembru, 2002 li permezz taghha dik il-Qorti irrespingiet din l-eccezzjoni tan-nullita` tat-tielet kap tal-Att ta' Akkuza, u dan wara li dik il-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

Illi l-eccezzjoni tal-akkuzat hija bazata fuq l-argument li ladarba fit-tieni kap tal-att tal-akkuza , l-Avukat Generali , fil-parti espositiva jiddikjara li fil-fatt id-droga giet intercettata mill-Pulizija w l-pakkett bid-droga sostitwit qatt ma wasal ghand l-akkuzat Lawrence Gatt ghax dal pakkett gie maqbud mill-Pulizija qabel ma huh Anthony Gatt kien lahaq ikkonsenjah lill-akkuzat Lawrence Gatt , allura ma jista' qatt Lawrence Gatt jigi akkuzat bil-"pussess" tal-istess droga kif kien proprju qed jigi allegat fit-tielet kap tal-Att tal-Akkuza. Id-droga ghalhekk qatt ma kienet fil-pussess jew taht il-kontroll ta' Lawrence Gatt . Ma jistax ikun hemm il-pussess materjali u/jew il-kontroll assolut tad-droga li bih hu akkuzat Lawrence Gatt taht it-tielet kap . Dan skond id-Difiza kien kaz manifest u palez fejn l-Avukat Generali b'dak li kien iddikjara fil-parti

esposittiva tat-tieni kap, kien qed iwaqqa' l-bazi tal-akkuza fit-tielet kap . Id-Difiza ghamlet ukoll riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri ) fil-kawza "Ir-Republika ta' Malta vs. Aibrahim Bashir Ben Matue" [Att ta' Akkuza 4/95 tal-15 ta' Frar, 1996]

Mill-banda l-ohra l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta ghax b'dak li ddikjara l-Avukat Generali fil-parti esposittiva fit-tieni kap, ma eskludiex l-akkuza ta' pussess fit-tielet kap. Mhux bil-fors li l-pussess irid ikun wiehed materjali ghax wiehed jista' ma jkollux il-pussess materjali izda ghandu xi forma ta' kontroll fuq id-droga. L-abbli Prosekutur ghamel riferenza ghall-ahhar paragrafu f'pagna sitta tal-parti esposittiva tat-tieni kap tal-att tal-akkuza li tispjega l-involviment tal-akkuzat Lawrence Gatt u li Anthony Gatt kien qed jagixxi taht l-ordni ta' Lawrence Gatt u allura dan tal-ahhar kellu forma ta‘ kontroll ancorche‘ mhux il-pussess materjali w dana ghaliex dak il-hin Anthony Gatt kien taht il-kontroll u supervizjoni ta‘ Lawrence Gatt . Illi umbaghad f'kull kaz argumenta l-Prosekutur skond l-art. 22(5) tal-Kap.101 kull minn jittanta jaghmel reat, jew ihajjar jew igieghel lil xi persuna ohra biex taghmel xi reat taht dan il-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta, nkluz reat ta' pussess semplici jew aggravat, ikun hu ukoll hati tal-istess reat . F'kull kaz jekk il-fatti allegati fit-tielet kap jammontawx ghar-reat li bih hu akkuzat Lawrence Gatt hi kwistjoni li jridu jiddecieduha l-gurati.

Ikkunsidrat;

Illi din l-eccezzjoni tidher li hija akkampata fuq l-art.449(1)(b) u l-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-istess Artikolu tal-Kodici Kriminali liema paragrafu jitkellem dwar "meta l-fatt migjub fl-att ta' akkuza ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt f'dak l-att." Issa biex tirmexxi eccezzjoni bhal din "jehtieg li jirrizulta li l-fatti kif deskritti fl-att tal-akkuza jew **fil-kap tal-att tal-akkuza li jkun qed jigi impunjat** (emfasi ta' din il-Qorti) ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza , r-reat li bih ikun qed jigi addebitat l-akkuzat f' dak l-att jew **f'dak il-kap** ." (emfasi ta' din il-Qorti) (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta'

Gunju, 1995 fil-kawza "Republika ta' Malta vs. Aibrahim Bashir Ben Matue" [Att ta' Akkuza 4/95] konfermata fl-appell fil-15 ta' Frar, 1996 li ghaliha ghamel referenza l-istess akkuzat).

Umbaghad f'dik l-istess sentenza fejn giet citata gurisprudenza kopjuza hafna intqal ukoll li fl-ezami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mall-parti akkuzatorja, il-Qorti trid toqghod fuq il-fatti kif migjuba fl-att tal-akkuza u mhux fuq il-fatti kif jistghu jirrizultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistghu jirrizultaw fil-kors tal-guri .

Jigifieri l-mankanza li twassal biex jigi annullat xi kap partikolari fl-att tal-akkuza trid tkun f'dak il-kap li jkun qed jigi impunjat u mhux ghax il-parti esposittiva f'dak il-kap tkun tikkozza mall-parti esposittiva f'xi kap iehor kif qed jippretendi li ghandu jsir l-akkuzat f'dan il-kaz.

Issa minn ezami tal-parti esposittiva tat-tielet Kap tal-Att tal-Akkuza li l-akkuzat qed jimpunja jidher li l-Avukat Generali qed jghid car u tond li "fl-istadji u hinijiet differenti li l-pakkett bid-droga kien qieghed jghaddi minn id ghal id ta' **kull wiehed minnhom, kollha kemm huma kienu, f'dawk l-istadji u hinijiet differenti, fil-pussess xjenti tal-medicina perikoluza kokajina**" u "**Kull wiehed minnhom kien allura fil-pussess xjenti tal-kokajina f'cirkostanzi li manifestament juru li dak il-pussess qatt ma kien ghall-uzu esklussiv ta' xi hadd minnhom.**" (emfasi ta' din il-Qorti).

Illi ma hemmx dubju li kif esposti, il-fatti fit-tielet kap - dejjem jekk jirrizultaw pruvati fl-istadju tas-smiegh tal-provi quddiem il-gurati - jistghu jwasslu ghall-kundanna mitluba fl-istess Kap . Insomma bla dubju ta' xejn jezisti bejn il-parti esposittiva tat-tielet kap u l-parti akkuzatorja tieghu dak in-ness li trid il-ligi u li l-gurisprudenza tghid li hu rekwizit mehtieg biex l-att tal-Akkuza ma jkunx monk u null (ara Rex. vs G.C.B. et altri" - 8.3.05 Vol. XIX.iv.18).

Jekk umbaghad quddiem il-gurati il-Prosekuzzjoni jirnexxilix tipprova ghall-konvinciment morali taghhom u

bla ma thalli dubju dettat mir-raguni li tali pussess, sija materjali, jew taht forma ta' kontroll effettiv fuq id-droga in kwistjoni, kif interpretat mill-gurisprudenza nostrana (ara App. Krim. "Pulizija vs. John Borg" 23.6.97 u hafna ohrajn), u kif allegat fil-parti esposittiva tat-tielet Kap, dik hija haga ohra li jridu jiddecieduha l-gurati w hadd aktar, wara li tigi spjegata lilhom il-ligi in materia mill-Imhallef li jkun ser jippresjedi l-guri u din il-Qorti la ghandha u lanqas tista' tidhol fiha f'dan l-istadju tal-proceduri.

Illi hu inawdit li jigi annullat kap tal-att tal-akkuza li bhala forma jkun integru w korrett u jikkontjeni l-elementi kollha li tkun trid il-ligi biss ghax id-difiza tara li l-parti esposittiva ta' xi kap iehor tal-istess att tal-akkuza tista' tikkozza jew tikkontradici l-parti esposittiva tal-kap li jkun qed jigi impunjat u dana ghaliex kull kap tal-att tal-akkuza jitqies distint u separat minn kull kap iehor, tant li jrid jinghata verdett separat fuq kull kap mill-gurija u id-decizjoni tal-gurati fuq xi kap ma ghandix torbothom fir-rigward ta' kap iehor.

Rat in-nota ta' appell presentata minn Laurence Gatt minnufih wara l-qari ta' din is-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Laurence Gatt, minnu ppresentat fil-10 ta' Dicembru, 2002, li permezz tieghu l-imsemmi Laurence Gatt talab ir-revoka tas-sentenza tal-Qorti Kriminali hawn aktar 'l fuq imsemmija, b'mod li din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – tilqa' l-eccezzjoni minnu sollevata tan-nullita` tat-tielet kap tal-Att ta' Akkuza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lill-Avukat Dott. Leon Bencini ghall-appellant kif ukoll lill-Avukat Dott. Mark Said ghall-Avukat Generali fl-udjenza tal-20 ta' Marzu, 2003; ikkunsidrat:

L-appellant, bazikament, jikkontendi li galadarba l-Artikolu 449(1)(b) tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar "…nullita` jew …zball **fl-att ta' akkuza**" u mhux dwar "…nullita` jew …zball **f'kap fl-att ta' akkuza**", dan ifisser li mhux korrett dak li qalet l-ewwel qorti li kull kap trid tezaminah ghalih. L-appellant, infatti, ighid espressament hekk:

*"Dan jimplika illi jekk fl-Att ta' Akkuza jigu citati fatti f'kap partikolari tal-Att ta' Akkuza li bl-aktar mod palez u manifest jeskludu l-ipotesi tar-reat migjub 'il quddiem f'kap iehor tal-istess Att ta' Akkuza, allura dan l-istat ta' fatt fuq bazi ta' logika u ta' razjonalita`, fuq bazi ta' ekwita` u fuq bazi guridika ghandha twassal ghan-nullita` tal-kap milqut mid-deskrizzjoni tal-fatti moghtija f'kap iehor tal-Att ta' Akkuza".*

Skond l-appellant, galadarba f'xi kap jew kapi ohra tal-Att ta' Akkuza l-Avukat Generali qed ighid li huwa (cioe` l-appellant) ma kienx fil-pussess tad-droga in kwistjoni, ma jistax fit-tielet kap jakkuzah b'tali pussess. L-appellant qieghed, ghalhekk, a differenza ta' dak li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, jipprexxindi kompletament minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449. Skond l-appellant, ghalhekk, in-nullita` jew zball li ghalih jirreferi il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 449 jista' jkun jikkonsisti f'inkonsistenza bejn il-parti espozittiva ta' kap partikolari u l-parti akkuzatorja ta' kap iehor. Fi kliem l-appellant:

*"F'dawn ic-cirkostanzi ma jistghax hlief jigi argumentat li t-tielet kap tal-Att ta' Akkuza huwa null a bazi tal-fatti dikjarati espressament mill-Avukat Generali fit-tieni kap, stante li tali fatti ma jistghu qatt jikkostitwixxu r-reat riferit fit-tielet kap tal-Att ta' l-Akkuza".*

Dan l-aggravju ta' l-appellant, ghalkemm apparentement wiehed ingenjuz, jippekka kontra l-istess logika, razjonalita` u guridicita` li huwa stess jinvoka, u dan principalment ghaliex jonqos milli jikkunsidra disposizzjonijiet ohra tal-ligi li, aktar mill-Artikolu 449, jispjegaw il-vera natura tal-Att ta' Akkuza u jispjegaw – xi whud minnhom b'mod aktar car minn ohrajn – x'ghandu jkun fih Att ta' Akkuza. Jibda biex jinghad li galadarba l-Artikolu 449 jitkellem biss dwar "att ta' akkuza" minghajr ebda referenza ghal kap jew kapi tieghu, l-appellant kellu, biex ikun konsistenti mieghu nnifsu, jeccepixxi mhux in-nullita` tat-tielet kap, kif effettivament ghamel, izda n-nullita` tal-Att ta' Akkuza kollu kemm hu!

Issa, jekk wiehed jara d-diversi disposizzjonijiet tat-Titolu V tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali – l-Artikoli 588 *et seq.* – wiehed ghandu malajr isib ir-risposta ghall-appell odjern. Meta l-Kodici jitkellem dwar x'ghandu jkun fih l-Att ta' Akkuza – Artikolu 589 – hu evidenti li hawn il-legislatur qed jikkontempla Att ta' Akkuza li jkun fih akkuza ta' reat wiehed biss. In fatti l-paragrafu (c) tal-imsemmi Artikolu 589 jitkellem dwar "il-fatt li jikkostitwixxi r-reat", u l-paragrafu (d) juza l-kliem "…l-imputat jigi akkuzat tar-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi"[1]. Hija prassi inveterata fil-Qorti Kriminali li jekk fl-Att ta' Akkuza l-Avukat Generali jrid jakkuza lil persuna b'aktar minn reat wiehed, huwa jaqsam l-Att ta' Akkuza f'daqstant kapi daqs kemm ikun hemm reati li bihom ikun qed jakkuza, u dan irrispettivament minn jekk l-akkuzi jkunux konnessi o meno ma' xulxin fis-sens tal-Artikolu 592. Wiehed jista' jghid, u din il-Qorti qieghda f'dan is-sens tafferma, li kemm il-prassi kif ukoll il-gurisprudenza stabbilew li dik il-parti tal-Artikolu 593(1) tal-Kodici Kriminali li tghid li

**…l-att ta' l-akkuza ghandu jinqasam f'diversi kapi, u f'kull wiehed minnhom ghandha tithares id-disposizzjoni ta' l-artikolu 589**

tapplika mhux biss meta r-reati ma jkunux konnessi izda anke meta jkunu hekk konnessi. Kieku ma kienx hekk, u kieku l-Avukat Generali jista' jakkuza lil persuna b'aktar minn reat wiehed minghajr ma jaqsam l-Att ta' Akkuza f'diversi kapi, mhux biss jista' l-akkuzat jigi pregudikat fid-difiza tieghu, izda jkun kwazi impossibbli li wiehed japplika sew l-Artikolu 467 tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar kif il-gurati ghandhom jaghtu l-verdett taghhom. Ghalhekk ukoll, kap fl-Att ta' Akkuza jista' jikkontjeni biss akkuza ta' reat wiehed; jekk jikkontjeni akkuza ta' aktar minn reat wiehed, dan ikun null – ara is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Mejju, 1998 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Victor Galea u Joseph Galea***. Tajjeb li wiehed izid jghid li anke fl-Ingilterra din hi wkoll ir-regola: *"If a count alleges*

[1] Ara wkoll id-dicitura tal-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali.

*more than one offence, it is said to be bad for duplicity, and should be quashed before arraignment"* (**Blackstone's Criminal Practice – 2001**, para. D9.16, p. 1272). Minn dan kollu jitnissel li kull kap hu indipendenti minn kull kap iehor, tant li jista' jkollok addirittura kapi li jikkontradicu lil xulxin. Hekk kien jigri, infatti, sa ftit xhur ilu meta l-prosekuzzjoni kienet takkuza persuna b'serq ta' oggett partikolari u, f'kap iehor, bir-ricettazzjoni ta' dak l-istess oggett. Jinghad sa ftit xhur ilu, ghax, b'effett mill-1 ta' Mejju, 2002 u bl-emenda introdotta bl-Artikolu 112 tal-Att III tal-2002, persuna akkuzata b'serq ta' oggett tista' llum tigi dikjarata hatja mill-gurati ta' misapproprjazzjoni ta' dak l-oggett jew tar-ricettazzjoni tieghu, u vice versa (ara l-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali). Kien proprju ghalhekk, u cioe` minhabba l-kontradittorjeta` fil-fatti esposti f'zewg kapi jew aktar, li giet introdotta l-prassi tal-kapi alternattivi, prassi li giet rikonoxxuta legislattivament fl-1967 bl-introduzzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali u l-Artikolu 508(2)(c) – ara ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo sive Karmenu Ellul,*** 20 ta' Marzu, 1987.

Ghalhekk, jekk verament hemm kontradittorjeta` bejn il-fatti esposti fir-tieni kap u dawk esposti fit-tielet kap tal-Att ta' Akkuza, is-soluzzjoni ma hix id-dikjarazzjoni tan-nullita` ta' wiehed minnhom (l-akkuzat arbitrarjament qed jaghzel li jigi dikjarat it-tielet, u mhux it-tieni, kap bhala null), izda li l-Qorti Kriminali tikkunsidrahom bhala alternattivi:

**An indictment may contain counts in which the allegations made in one count are inconsistent with the allegations made in another count. In such a case, both counts may properly be pursued and left to the jury as alternatives if there is a case to answer made out on each. It is then for the jury to decide which, if either, of the counts is made out: *R. v. Bellam* [1989] A.C. 836, HL** (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001, para. 1-113a, p. 54).

S'intendi, hemm dejjem il-perikolu li meta l-prosekuzzjoni takkuza b'kapi li huma kontradittorji ghal dawk li huma fatti, id-difiza taghmel kapital minn dan il-fatt billi tallega li lanqas il-prosekuzzjoni ma taf ezattament x'gara fil-kaz

partikolari; jew tallega li l-provi huma tant dghajfa li ebda wiehed miz-zewg kapi ma gie pruvat sodisfacentement:

**Where two counts in an indictment are mutually destructive (e.g., alternative counts for theft and handling of the same goods) it may be possible for the defence to submit that, even though the prosecution evidence prima facie shows that the accused must have committed one or other of the offences, no reasonable jury properly directed could be sure which of the two he is guilty of and therefore they must be directed to acquit of both. The problem arose in *Bellam* [1989] AC 836, a case chiefly important for the House of Lords' decision that mutually destructive counts may be joined in one indictment…[In *Bellam* however] far from it being impossible to say which of the offences (conspiracy to import drugs or obtaining by deception) had been committed by B, the evidence was, as the defence eventually conceded, prima facie sufficient in relation to both alternatives. It was therefore a matter for the jury to decide at the end of all the evidence which of the two possible hypotheses based upon the prosecution evidence (i.e. that B never intended to buy drugs or that that was his original intention but the money was stolen) was the correct one. Of course, if they had then been left in doubt about the correct count on which to convict they ought – at least in theory – to have acquitted of both** (Blackstone's Criminal Practice – 2001, para D13.29, pp. 1431-1432).

Din il-Qorti taghmilha cara li f'dana l-istadju ma hi b'ebda mod qed torbot idejn il-Qorti Kriminali dwar kif dik il-Qorti ghandha tittratta maz-zewg kapi in ezami – it-tieni u t-tielet kap – u cioe` jekk dawn ghandhomx jitqiesu bhala alternattivi o meno. Jekk dawn ghandhomx hekk jitqiesu hija kwistjoni li ghadha miftuha, u li din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddecidiha f'dana l-istadju, stante li l-eccezzjoni kienet biss dik tan-nullita` tat-tielet kap minhabba inkonsistenza bejn il-fatti kif esposti fiz-zewg kapi. Jinghad biss – u dan qed jinghad strettament *obiter* – li dak li jidher

li qed jigi allegat fit-tielet kap tal-Att ta' Akkuza fil-konfront taz-zewg akkuzati, u ghalhekk anke fil-konfront tal-appellant, huwa pussess materjali tad-droga u mhux xi forma ta' "constructive possession", u dan in vista tal-fatt li hu allegat li d-droga kienet qed tghaddi "…minn id ghal id ta' kull wiehed minnhom…".

Ghall-motivi premessi, tirrespingi l-appell ta' Laurence Gatt u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din cahdet l-eccezzjoni ta' nullita` tat-tielet kap tal-Att ta' Akkuza; tordna li l-atti jigu rinvjati lill-Qorti Kriminali sabiex din tipprocedi bis-smigh tal-kawza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------